MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 488/2005

**David Pace Bonello I.D. 186173(M)**
**Vs**
**Claude Savona I.D. 381375(M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fit-18 ta' Frar, 2005 fejn l-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' Lm 248.88 (mitejn u tmienja u erbgħin lira Maltija u tmienja u tmenin ċenteżmu) rappreżentanti kontijiet tad-dawl u l-ilma li huwa kien obbligat iħallas skond il-ftehim ta' kera bejn il-partijiet tat-30 ta' Mejju, 2003.

Fl-Avviż tat-talba intqal li:-

L-attur jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas is-somma ta' tmienja u erbgħin u mitejn lira Maltin u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm 248.88) rappreżentanti il-kontijiet tad-dawl u l-ilma li huwa kien obbligat iħallas skond il-ftehim ta' kera bejn il-partijiet

tat-30 ta' Mejju, 2003 (hawn anness u mmarkat bħala Dok. A1).

Il-konvenut allavolja interpellat diversi drabi biex iħallas dan il-kont (hawn anness u mmarkat bħala Dok. A2) baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax sal-ġurnata tal-ħlas effettiv kontra l-konvenut li hu minnn issa nġunt in subizzjoni.
Ra r-risposta fejn ingħad:-

Illi għalkemm il-konvenut kien effetwa diversi pagamenti lill-attur, globalment ammontanti għal Lm 235 (mitejn u ħamsa u tletin lira Maltija), in konnessjoni mal-kontijiet tad-dawl u ta' l-ilma, l-istess attur baqa' qatt ma pprovda l-kontijiet relattivi maħruġa mill-entitajiet konċernati, sabiex b'hekk ikun jista' jsir ir-rendikont relattiv u jsiru l-aċċertamenti neċessarji.

Illi għalhekk, f'każ illi l-attur ma jippruvax l-ammonti attwalment ikkunsmati tul l-okkupazzjoni tal-fond relattiv da parte tal-konvenut, kif titlob il-liġi, u jiġi ppruvat li għad hemm xi ammont bilanċjali li jeċċedi l-ammont diġa' mħallas mill-konvenut, it-talbiet ta' l-attur għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Illi fi kwalunkwe każ, l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom jiġu sopportati mill-attur, stante li huwa naqas li jipprovdi lill-konvenut il-kontijiet dwar il-konsum relattiv, u dan tenut kont tal-fatt illi anke mid-dokument esebit mill-attur stess u anness ma' l-avviż tat-talba, ma jirriżultax il-konsum għall-perjodi relattivi.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kawża odjerna tikkonċerna talba għall-hlas ta' kontijiet ta' dawl u ilma dovuti mill-konvenut lill-attur għall-kirja ta' fond residenzjali.

Jirriżulta illi apparti l-ħlas tal-kera l-konvenut kellu jagħmel pagamenti akkont għall-konsum ta’ dawl u ilma. Jirriżulta illi l-ftehim kien wieħed primittiv fis-sens illi s-servizz kellu jibqa’ reġistrat fuq l-attur u l-pagament isir mill-konvenut. Dana ma kienx isir kontra kontijiet iżda kien isir pagament akkont ma’ kull pagament tal-kera.

Da parti tiegħu l-attur ma kienx jagħti riċevuta għal dawn il-ħlasijiet. L-attur ippreżenta l-kontijiet li jallega li ma tħallsux. Da parti tagħhom il-konvenuti esebew iċ-cheques minnhom magħmula bħala ħlas ta’ dak minnhom dovut. Anki x-xhieda mogħtija seduta stante ma kkjarifikatx il-pożizzjonijiet rispettivi tal-partijiet.
Rinfaċċjat b’tali sitwazzjoni t-Tribunal jagħmel riferenza għall-massimi legali li min jallega jrid jipprova. Una volta li kien l-attur li għamel il-kawża kien fid-dover tiegħu li jipprova l-każ tiegħu għas-sodisfazzjon tal-konvenut verament fuq bilanċ ta’ probabilita`.

Huwa possibbli li l-attur jista’ jkollu raġun, pero` ma ġiex provat sal-grad rikjest mil-liġi l-allegazzjoni tiegħu.

Fiċ-ċirkostanzi t-Tribunal jilqa’ l-eċċezzjoni tal-konvenut, jiċħad it-talbiet attriċi u in vista taċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ il-kap ta’ l-ispejjeż jibqa’ bla taxxa bejn il-parijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------